# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-10 ta' Ottubru 2013**

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/372/UE dwar l-użu ta' sustanzi kkontrollati bħala aġenti tal-ipproċessar skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 6517)*

**(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Olandiż, bit-Taljan, bil-Pollakk u bil-Portugiż biss huma awtentiċi)**

(2014/8/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba r-responsabbiltajiet tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni X/14 u deċiżjonijiet sussegwenti tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal dwar is-Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 jillimita l-użu tas-sustanzi kkontrollati bħala aġenti tal-ipproċessar għal 1 083 tunnellata metrika fis-sena u jillimita l-emissjonijiet mill-użi tal-aġenti tal-ipproċessar għal 17-il tunnellata metrika fis-sena.

(2) Id-Deċiżjoni 2010/372/UE [2] tistabblilixxi lista ta' impriżi li huma permessi jużaw sustanzi kkontrollati bħala aġenti tal-ipproċessar, u tiffissal-kwantitajiet massimi permessi għall-użu fil-kompożizzjoni u għall-emissjonijiet għal kull impriża kkonċernata.

(3) Mill-2010, żewġ impriżi (Anwil SA u CUF Quimicos Industriais sa) ma għadhomx jużaw sustanzi kkontrollati bħala aġenti tal-ipproċessar. Impriża oħra (Arkema France S.A.) infurmat lill-awtoritajiet kompetenti Franċiżi li kien hemm żbalji kbar u evidenti fid-dejta tal-emissjonijiet li hi rrappurtat lill-Kummissjoni għas-snin 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011, bir-riżultat li l-emissjonijiet annwali tagħha kienu ferm sottovalutati. Din id-dejta intużat mill-Kummissjoni bħala l-bażi għall-kalkolu ta' limitu għall-impriża, kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni 2010/372/UE, li jelenka l-impriżi u l-kwantitajiet massimi tal-emissjonijiet permessi fis-sena minn kull impriża. L-awtoritajiet kompetenti Franċiżi investigaw din l-allegazzjoni u sabu li dawn l-iżbalji evidenti fid-dejta rrappurtata fil-fatt jeżistu. Dawn l-iżbalji fid-dejta rrappurtata jidher li ma kinux intenzjonati, u rriżultaw fl-istabbiliment ta' limitu għall-impriża li kien ferm taħt il-limitu li kien jiġi stabbilit li kieku l-emissjonijiet annwali ġew irrappurtati b'mod korrett. Il-limitu tal-impriża kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni 2010/372/UE għalhekk ma jirriflettix b'mod korrett l-emissjonijiet annwali storiċi tagħha u għandu jitranġa.

(4) L-Anness tad-Deċiżjoni 2010/372/UE għalhekk għandu jiġi emendat.

(5) Għandu jiġi ċċarat ukoll li t-trasferimenti tal-kwota tal-kompożizzjoni bejn sustanzi u użi differenti huma wkoll possibbli fl-istess impriża.

(6) Id-Deċiżjoni 2010/372/UE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(7) Id-Deċiżjoni 2010/372/UE mhijiex limitata fiż-żmien u jista' jkun xieraq li din tiġi riveduta, u b'mod partikolari l-Anness tagħha, fid-dawl ta' żviluppi tekniċi fil-ġejjieni.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/372/UE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Impriża tista' tittrasferixxi lil impriża oħra elenkata fl-Anness, b'mod sħiħ jew parzjali, il-kwota tagħha għall-kompożizzjoni allokata għal installazzjoni eżistenti msemmija fl-Anness, irrispettivament mis-sustanza jew mill-użu li għalihom kienet allokata l-kwantità, jew tista' tittrasferixxi fiha stess il-kwota tal-kompożizzjoni għal sustanza oħra u użu ieħor elenkati fl-Anness."

[1] ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.
[2] ĠU L 169, 3.7.2010, p. 17.

2. L-Anness tad-Deċiżjoni 2010/372/UE għandu jiġi sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn l-impriżi:

Anwil SA
Ul. Toruńska 222,
87-805 Włocławek
IL-POLONJA

Arkema France S.A.
420, rue d'Estienne D'Orves
92705 Colombes Cedex
FRANZA

Bayer Material Science AG
CAS-PR-CKD, Gebäude B669,
41538 Dormhagen
IL-ĠERMANJA

CUF Químicos Industriais SA
Quinta da Indústria, Beduído
3860-680 Estarreja
IL-PORTUGALL

Potasse et Produits Chimiques SA
95 rue du General de Gaulle,
68802 Thann Cedex
FRANZA

Vencorex France
Etablissement du Pont-de-Claix
Plate-forme chimique
Rue Lavoisier
BP16
38801 Le Pont-de-Claix Cedex
FRANZA

Solvay Specialty Polymers Italy SpA
Viale Lombardia 20
20021 Bollate (MI)
L-ITALJA

Teijin Aramid BV
Oosterhorn 6,
9930 AD Delfzijl
IL-PAJJIŻI L-BAXXI

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Connie HEDEGAARD
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

[Dan l-Anness mhuwiex ippubblikat minħabba li fih informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.]